**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

Il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl- 4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 45.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 45.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 45.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 45.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta preċedenti, seduta numru 44, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 45.2.2 | Is-Sur Stephen Caruana ppropona u s-Sur Daniel Zerafa issekonda il-minuti ta' seduta 44 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 45.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett. |
| *F'dan l-istadju daħlet għas-seduta s-Sa Janice Chetcuti (04:15p.m.)* | |
| 45.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 45.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l progett tal-"Car Park", il-gdida tar-"Regeneration Plan" qed javvanza. Marbuta ma' dan il-progett is-Sur Horace Gauci informa lill- Kunisll li "Shangai Electrics", offrew li jinstallaw pannelli ta' l-istess "Car Park", sabiex jinvestu fil-lokalita. |
| 45.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera b'korrisponenza li kellu mas-Sur Vince Attard tan-"Nature Trust",rigward intervent f'Tempju f' Xrobb l-ghagin fejn il-Kunsill ma' giex infurmat. |
| 45.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward kors li sar mill-Awtorita ta' l-ippjanar li huwa stess attenda mas-Sur Jordy Brinkat. |
| *F'dan l-istadju daħal għas-seduta s-Sur Steven Grech(04:25p.m.)* | |
| 45.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti rigward l-Appell tal-*Bukkett Restaurant*, fejn ma' kienx jista' jattendi. Is-Sur Horace Gauci informa lilll-Kunsill li dan l-Appell gie deferit ghall-Jannar 2018. |
| 45.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali rigward stedina fejn kien prezenti il-Ministru s –Sur Hose' Herrera rigward l-awgurazzjoni tal- masgar fejn qed isir it- thawwil tas-sigar. |
| 45.3.6 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera preżenti li attenda laqgha tar-ragjun riward il- kwistjoni tas-Segretarju Ezekuttiv. |
| 45.3.7 | Is-Sindku nforma l-Kunsill Lokali li attenda tribunal rigward min inqabad jarmi skart f'tas-Silg. |
| 45.3.8 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezenti rigward il-kuntratti tal-Monti ta' nhar ta' Hadd, fejn gew iffirmati 56 kuntratt mal - *hawkers*, li liberament accettaw is-somma mill-Gvern ta' Malta sabiex jirrinunzjaw il-posta taghhom nhar ta' Hadd f'Marsaxlokk. |
| 45.3.9 | Is- Sindku informa lill-Kunsilliera li attenda il-parata ta' nhar it -13 ta' Dicembru. |
| 45.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, nhar it-Tnejn 11 ta' Dicembru gie iffirmat il-kuntratt ta' estenzjoni ghas-sentejn li gejjin ma' sid il-kera tal-binja tal Kunsill Lokali. |
| 45.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |

| | |
|---|---|
| 45.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa "L-Imwejjed u s- Siggijiet tal-Pjazza?". Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandu jsir *sanctioning* taghhom f'dan ir-rigward. |
| 45.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Id-djar tas-sajjieda"? Wara diskussjoni libera gie deciz li l-oggezzjoni ta' xi rezidenti li tinvolvi l-problema tat-tarag, li bhalissa qed tigi trangata ghandha tkun kompetenza tal-Perita u mhux tal-Kunsill Lokali. Intlahaq ukoll ftehim li ghandhom isiru tabelli godda, *yellow lines* u bankijiet tal-gebel. |
| 45.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "It-Toroq tal-Progett?". Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li talab lill- Transport Malta li x-Xatt tas-Sajjieda jigi *No Parking*, u tal linja taghddi *Two Way*. |
| 45.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-Bus Stop tal-Pjazza?". Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li qed jistennna risposta minghand Transport Malta biex il"Bus Stop" tersq ftit il-quddiem u li z-zebgha ha ssir biss man-naha tal-Bus Stop". |
| 45.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Ix-Xatba tal-Pjazza?" Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li staqsa ghall-stima biex jinbidel kollox u issir xatba gdida bil-*Camera*. |
| 45.4.6 | Is-Sur Sreven Grech staqsa "Il-Konolli ta' max-Xatt (Bollards)?". Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li ntbghatet rikjesta lill- UIF u qed jistenna risposta biex jara jekk il-"Bollars", tax Xatt jistghux isiru minn dawn il-fondi. |
| 45.4.7 | Is- Sur Steven Grech staqsa "Il- Gutter tal Harbour Lights ?". Wara diskussjoni libera gie deciz li jsiru *gutters* godda ghall-Harbour Lights kif ukoll isir xi xoghol marbut mall-Hunter's Tower. |
| 45.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Kif ser niccekjaw dwar il-propjeta tal-koperattiva?". Wara diskussjoni libera gie deciz li ssir ftit ricerka mall- "Lands" f'dan ir-rigward. |
| 45.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Ghax ma' giex mistieden il-Kunsill ghat-thawwil tas-sigar ta' Port Ruman?". Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ha jkun hemm stedina ohra fil-jiem li gejjin fejn ha jkun mistieden il-Kunsill Lokali ghall-thawwil ta' sigar godda. |
| 45.5 | Rapporti |
| 45.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat bil-bilanc tal-UIF li bhalissa jammonta €120,000.<br><br>- Il-Kunsilliera gew infurmati bl-gheluq tal-progett ta'-Education li sar fis-sena 2015 fejn il-Kunsill Lokali ghandu jibbenifika 25% mill-flus li diga hareg ghall-istess progett.<br>.<br>- Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b' korrispondenza minn Transport Malta rigward daghjsa nnumerata S 12925 li tnehhiet / giet konfiskata biex tigi distrutta snin ilu.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza mis-Sur Matthew Bugeja fejn qed jitlob biex tinstab soluzzjoni fi Triq Santu Kristu biex jigu evitati ncidenti tat-traffiku.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 94/2017 mill-Assocjazzjoni Kunsill Lokali, il-Kunsill ġie infurmat dwar diversi multi li nħarġu lill-Kunsilli Lokali mill-Awtorità tas-Saħħa u s- |

| | |
|---|---|
| | Sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il- Kunsilliera prezenti gew infurmati li l-Assocjazzjoni qed tissugerixxi li jsir *risk assesment* u jigi organizzat kors sabiex ikun hemm aktar gharfien f'dan ir-rigward.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati rigward komunikazzjoni li saret mal-Perit Edric Micallef sabiex issir stima ta'Torri Vendome ghad-devoluzzjoni.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand s-Sa.Romina Cassar fejn qed titlob l-ghajnuna tal-Kunsill biex isir xi haga fi Triq ix-Xerriek sabiex jigi evitat l-ammont ta'ilma li jinzel minn hemm meta jaghmel il-maltemp.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mibgħuta minghand s- Sa. Camilla Appelgren rigward il- *clean up* li ha jsir fir-rebbiegha.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza mingħand is-Sur Alfred Portelli rigward sqaq li qieghed fi Triq il- Power Station u li jinsab fi stat hazin.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza minn Transport Malta rigward Triq Gdida fi Triq Tas-Silg u Triq l-Arznell, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza minn Transport Malta rigward *no objection* ta' *double yellow lines* fi Triq Sant Antnin kantuniera ma' Triq is-Salvatur.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati mill- *Planning Authority* b' notifika ta' zvilupp PA/10134/17 ta' 136, *Victor Restaurant*, Triq il- Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza / pjanta mis-sid rigward estenzjoni ta' zvilupp innumerat PA/08309/17 u li jinsab 14, Blk B Flt 3, Triq il-Wilga, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati mill-*Planning Authority* b' notifika ta' zvilupp PA/03782/16, tal- *Hunters Tower Restaurant*, Triq il-Wilga, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati mill- *Planning Authority* b' notifika ta' ksur ta' kontroll ta' zvilupp EC/00244/17 ta' 4, Triq Melqart, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza minghand l-Avukat Dr. Muzumeci rigward it-tribunal ta' revizjoni li jinvolvi il-*Bukkett Restaurant* u Sqaq Buzbiezi f' Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/05713/17, PA/06241/17, PA/09920/17, PA/08643/17, PA/08812/17, EC/00244/17, PA/03061/17, PA/04153/17, PA/04593/17, PA/05883/17, PA/05888/17, PA/07117/17, PA/08268/17, RG/02352/17, PA/09450/17, PA/09463/17, PA/09484/17, PA/08183/17, RG/000438/16,PA/09297/17,PA/03923/17.<br><br>Ġie deċiż illi ma' kelha tistab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għall- dawk innumerati PA/03509/17, PA/05058/17, PA/10134/17, PA/10075/17, u li għalihom il-Kunsill Lokali kellu jirreġistra l-interess. |

| | |
|---|---|
| | Fir-rigward ta' PA/09335/17 li tinvolvi- l-Enemalta l-Kunsill Lokali jrid jikkjarifika aktar fid-dettall sabiex jiddeciedi jirregistrax l- interess. |
| 45.6 | Mozzjonijiet |
| 45.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 45.7 | Sejhiet ghall-Offerti |
| 45.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv iddiskuta mall-Kunsill Lokali id- "Draft", tat-Tender il-gdid tal- "Collection of Mixed Household Waste". |
| 45.8 | Approvazzjoni tal-Performance Bonus Appraisal |
| 45.8.1 | Is-Sinku pogga fuq il-mejda il-Performance Bonus Appraisal ta-haddiema tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-haddiema ghandhom jinataw il-bonus komplut fuq bazi tal-hidma siewja li jaghmlu matul is-sena kollha fi hdan il-Kunsill. |
| 45.9.1 | Approvazzjoni tad- data tal-Laqgha Generali Annwali 2018 |
| 45.8.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill- Kunsilliera prezenti biex tigi deciza d-data tal-Laqgha Generali Annwali sabiex jigi stabbilit il-"Budget", tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2018. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-laqgha ghandha ssir fis-27 ta' Dicembru 2018 fl-4:00 p.m. |
| 45.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 45.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 12/17 ) għall-approvazzjoni. |
| 45.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 45.11 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-06:45 p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 18 ta' Jannar 2018.

IFFIRMATA

__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv